Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 110/2012/1

**Frank Borda Limited (appellanti)**

**Vs**

**Veronica Brincat [I.D. 222865 M] u Tiziana Brincat [I.D. 338185 M] in solidum bejniethom (appellati)**

20 ta' Jannar, 2017.

Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fl-14 ta' Frar, 2012 il-kumpannija attrici talbet lit-Tribunal ghal-Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tlett elef u erba' mitt Euro u tmienja u tmenin centezmu (€3,400.88) *in solidum* bejniethom, rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali skaduti u mhux imhallsa. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-intimati;

Permezz ta' risposta, l-intimati wiegbu illi t-talbiet tal-kumpannija attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici;

Permezz ta' sentenza (datata 29 ta' Ottubru, 2014) it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar iddecieda l-kaz billi qajjem il-kwistjoni tal-kompetenza *ratione valoris* u ghalhekk iddikjara li mhux kompetenti sabiex jiddeciedi dan il-kaz;

Illi l-kumpannija attrici appellat minn din is-sentenza u l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi rigward l-inkompetenza *ratione valoris,* gie kkunsidrat l-fatt illi t-talba attrici hija ghal valur determinat u cioe' ghas-somma specifika ta' tlett elef u erba' mitt Euro u tmienja u tmenin centezmu u cioe' l-import ta' ghaxar kambjali skaduti u mhux imhallsa;

Illi l-artikolu 3(2) tal-Att dwar Tribunal Ghal Zghar (Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi illi:

*"Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06)"*

Illi inoltre', l-artikolu 3(3)(c) tal-istess Att jkompli sabiex jghid:

*"Jekk it-talba tkun ghal kapitali u mghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jigu mitlubin, u t-Tribunal ikollu gurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li*

*s-somom tal-kapital u tal-imghaxijiet mitlubin ikunu flimkien igibu izjed minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06)."*

Illi fil-kaz *de quo* ghalhekk it-talba attrici kif promossa tindika car u tond illi dak li qed tippretendi l-kumpannija attrici bhala kapital huwa biss l-ammont ta' EUR 3,400.88 u xejn izjed u anke mill-provi rrizulta dejjem l-istess;

Illi la mit-talba tal-kumpannija attrici, la mill-eccezzjonijiet tal-intimati u lanqas mill-provi ma rrizulta b'xi mod li t-talba attrici kienet tezorbita *ratione valoris* il-kompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar;

2. Illi t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar naqas milli jikkunsidra l-fatt illi t-talba attrici hija *actio cambiaria* u bhala tali, hemm eccezzjonijiet limitati li wiehed jista' jikkunsidra meta jigi biex jiddeciedi dan it-tip ta' kazijiet. In succint, wiehed jista' jikkunsidra biss eccezzjonijiet dwar in-nullita' tal-kambjali nfushom. Illi l-intimati ma ressqu ebda eccezzjoni dwar nullita' tal-kambjali izda ressqu eccezzjoni generika fejn semplicement iddikjaraw illi t-talba attrici hija infondata. Illi t-Tribunal, pero', xorta wahda accetta li l-intimati jressqu provi, b'mod generiku dwar fatti ta' dak li sehh mill-vettura, meta l-kwistjoni tal-vettura hija kwistjoni totalment indipendenti mit-talba attrici f'dan il-kaz. It-Tribunal kellu jara biss il-kambjali kienux validi u jekk effettivament thallsux jew le;

3. Illi t-Tribunal kellu jiddetermina biss dawk l-eccezzjonijiet ghandhom jigu definiti malajr, it-Tribunal jekk hass li kien hemm kwistjoni dwar nuqqas ta' kompetenza, messu se mai qajjem l-eccezzjoni fi stadju bikri, mhux wara li kienu nstemghu l-provi kollha, bil-konsegwenza li l-kumpannija attrici kompliet giet pregudikata fid-drittijiet taghha;

Il-Qorti rat ir-risposta tal-appellati.

**<u>Fatti.</u>**

1. Fit-23 ta' Jannar 2004 l-appellata Tiziana Brincat u zewgha Joseph Brincat kienu xtraw b'*hire purchase* vettura Skoda Octavia ghall-prezz ta' Lm9,497.50. Xi zmien wara l-konjugi Brincat sseparaw.
2. Fil-21 ta' Lulju 2005 l-appellata Tiziana Brincat iffirmat kuntratt iehor ta' xiri bil-*hire purchase*, li biha gie ddikjarat li xtrat il-vettura ghall-prezz ta' Lm9739.72 (fol. 44). L-ammont imhallas bhala depozitu kien Lm1000 u l-bilanc u l-imghaxijiet kellhom jithallsu b'disgha u hamsin (59) pagament mensili ta' Lm146.00 kull wiehed, u pagament finali ta' Lm124.72. Omm l-appellata, Veronica Brincat dahlet bhala garanti solidali flimkien ma' bintha ghal-bilanc kollu dovut.
3. Il-kambjali oggett tal-kawza, inhargu fil-25 ta' Lulju 2005 u kull wahda hi ghas-somma ta' Lm146 b'total ta' Lm1,460 (€3,400.89) u ffirmati mill-appellati.
4. Il-kambjali mmaturaw ghall-hlas.

5. Fit-2 ta' Awissu 2006 l-appellata qabdet u halliet il-vettura fil-parking tal-appellanti. L-appellata ssostni li ladarba rritornat il-vettura ma kienx hemm aktar pendenzi bejn il-partijiet; *"Jien niftakar ukoll illi meta kont kellimthom kienu qaluli biex la nirritorna l-karozza ma nippretendi xejn lura minn dak illi hallast u jiena rritornajt il-karozza…….. jien nghid li ma nippretendix li ghandi nibqa nhallas fuq karozza li rritornajt lura, la jiena u lanqas it-tifla ma hallasna dawn il-pagament."* (xhieda ta' Veronica Brincat, 3 ta' Dicembru, 2013,fol 37) .
6. L-attrici baghtet ittra legali datata il-25 ta' Settembru 2006, fejn fiha inghad:
   *"Sat-30 ta' Settembru 2006, il-bilanc dovut kien ta' Lm7,887.49. Il-karozza li giet konsenjata lill-klijenti tieghi ma tiswiex aktar minn Lm5000 izda fiha hafna hsarat li jiswew Lm1,407.53 sabiex isiru t-tiswijiet relattivi biex b'hekk in-net value tal-vettura huwa ta' Lm3593.47. Jekk intom tridu li din il-vettura tigi mputata kontra l-bilanc dovut ghandkom tiffirmaw il-log book u tikkonsenjaw l-ispare key tal-vettura. Wara li jitnaqqas l-valur tal-karozza jibqa' bilanc ta' Lm4295.02"* (fol. 47).
7. M'hemmx provi li sehhet transazzjoni.
8. Il-kambjali li l-attrici tippretendi l-hlas taghhom kollha mmaturaw mill-25 ta' Frar 2007 il-quddiem, cjoe' wara d-data li l-attrici kienet regghet hadet il-pussess tal-kambjala.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Illi gara li sena wara l-konvenuta rritornat il-vettura din giet stmata hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin ewro sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) u naqsu minn ammont illi t-Tribunal qed ihoss li huwa ezagerat ta' tlett elef mitejn tmienja u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€3,278.66) liema ammont ta' spejjez ma gie kkonfermat bl-ebda gurament minn min ghamel dawn it-tiswijiet. Ghalhekk il-karozza giet tiswa tmint elef tlett mija tmienja u sittin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8,368.21).*

*Is-socjeta attrici minflok naqset l-ammont tal-karozza tmint'elef tlett mija tmienja u sittin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8368.21) minn ghoxrin elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u sebgha centezmi (€20,358.07) li jigi tnax-il elf erba' mija disgha u hamsin ewro u sitta u sittin centezmu (€12,459.66) u fethet kawza fuq dan l-ammont, qabdet ghaxar (10) kambjali u fittxet lil konvenuta ghalihom. Jekk is-socjeta attrici tibqa taghmel hekk bil-kambjali kollha allura l-konvenuti ma jithallsux tal-vettura li s-socjeta attrici accettat lura.*

*L-ammont tal-kambjali ghandu jigi kkunsidrat fl-intier tieghu biex minnu jitnaqqas il-valur tal-vettura rritornata. Pero hawnhekk it-Tribunal iqajjem il-kompetenza ratione valoris ghaliex biex wiehed jaghmel gustizzja minn dan il-kaz irid ihares lejn l-ammont fl-intier taghhom, liema ammonti jezorbitaw l-kompetenza tat-Tribunal. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal iqajjem il-kwistjoni ratione valoris u ghalhekk jiddikjara li mhux kompetenti biex jiddecidi l-kaz."*

Skond klawzola 4 tal-kuntratt, il-vettura kienet proprjeta tal-konvenuta sakemm jithallas il-prezz kollu. Mela sakemm jithallas il-prezz kollu, m'hemmx bejgh. F'dan ir-rigward fis-sentenza:

i. **<u>V. Bonnett vs G. Azzopardi,</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju, 1922, dwar dan it-tip ta' kuntratt il-qorti osservat: *"in simili casi, il contratto deve ritenersi ab initio una vera e propria vendita subordinata alla condizione sospensiva dell'integral pagamento del prezzo, vendita in cui il dominio della cosa anzicche' acquistarsi*

*immediatamente dal compratore rimane nel frattempo fin oil-pagamento dell'ultima rata stabilita, presso il venditore".*

ii. **Nobbli N. Zimmermann Barbaro vs C. Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Gunju 1938 (Vol. XXX.iii.388): *"fil-kaz ta' bejgh bil-hire purchase system", il-bejgh isir bil-kundizzjoni reservation dominio sakemm jithallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem; u ghalhekk il-proprjeta tibqa' ghand il-venditur sakemm ma jkunux thallsu dawk ir-rati kollha".*

iii. **A. Abela nomine vs M. Attard et**, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957 (Vol. XLI.ii.896): *"sakemm ma javvera ruhu l-fatt kontemplat (igifieri l-hlas tal-prezz), jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-haga li tkun iffurmat l-oggett tal-kuntrattazzjoni bil-patt tar-rizerva tad-dominju".*

Mid-deposizzjoni ta' Mary Grace Daramin (seduta tal-21 ta' Jannar, 2014) hu evidenti li s-socjeta attrici accettat lura l-pussess tal-vettura. Fatt li jirrizulta wkoll mid-dokument a fol. 51[1] fejn jinghad li fid-29 ta' April, 2011 il-vettura nbieghet ghall-prezz ta' **€6,100**. Ladarba s-socjeta attrici accettat lura l-pussess tal-vettura, il-prezz ma baqax dovut. B'dak l-att il-ftehim ta' *hire-purchase* gie fit-tmiem tieghu. Skont klawzola 3b tal-kuntratt:

*"b) ….. The hirer shall in each case replace any defective, lost or destroyed part or parts. The hirer shall also be bound to compensate the owner for any expenses incurred by hin in order to resume possession thereof and for the value of the defective lost or destroyed parts as pre-stated. The owner shall also be entitled to demand the immediate payment of all instaments and interests thereon which may have fallen due by the date of delivery or repossession of the goods and in no case shall the hirer be entitled to receive from the owner any refund of the instalments previously paid by hin. The payments of previously paid as well as those due until the date or repossession or delivery of the goods shall be deemed to be as a hire charge".*

Il-kambjali nhargu biex ikopru l-pagament mensili ta' €146, tant li fuqhom hemm stampat il-kliem: ***"value received, as per agreement No 13048"***, li hu l-*hire-purchase agreement* li ffirmaw il-kontendenti fil-21 ta' Lulju 2005 (fol. 44). Ladarba fit-2 ta' Awissu 2006 l-attrici accettat lura l-pussess tal-vettura, l-ebda prezz fuq il-vettura ma baqa' dovut. Ghalhekk il-konteggi li saru mill-attrici u t-Tribunal u li jinkludu wkoll il-valur tal-vettura, huma ghal kollox irrilevanti. It-Tribunal ikkonkluda li ma kellux kompetenza *ratione valoris* wara li qal, *"L-ammont tal-kambjali ghandu jigi kkunsidrat fl-intier tieghu biex minnu jitnaqqas il-valur tal-vettura rritornata".* Hawnhekk hu evidenti li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra x'konsegwenzi legali kien hemm mill-fatt li accettat lura l-pussess tal-vettura. Ghar-ragunijiet li nghataw, il-valur tal-vettura ma kienx rilevanti u lanqas ma kien hemm il-htiega li l-kambjali jittiehdu in konsiderazzjoni kollha. Ghalhekk it-Tribunal ma kienx korrett meta kkonkluda li ma kellux kompetenza *ratione valoris*.

---

[1] Prezentat minn Brian Cauchi (ara deposizzjoni a fol. 49).

Lanqas ma jista' jinghad li l-ammont pretiz jirreferi ghall-*hire* tal-vettura skont klawzola 3(b) tal-kuntratt, u dan peress li l-kambjali oggett tal-kawza kollha mmaturaw f'data wara t-2 ta' Awissu 2006 (id-data li fiha l-attrici hadet il-pussess lura tal-vettura). Mela l-kambjali oggett tal-kawza ma jistghux jintuzaw bhala kumpens ghall-uzu tal-vettura sat-2 ta' Awissu 2006. Ghaldaqstant, l-azzjoni tal-attrici kif proposta ma tista' qatt tirnexxi. Ghalkemm l-attrici targumenta li hi pproponiet l-*actio cambiaria* u l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw huma limitati, pero l-kambjali kienu marbuta ma' *hire-purchase agreement* li ntemm meta l-attrici hadet lura l-pussess tal-vettura. Kambjali li nhargu bhala obbligazzjoni addizzjonali fuq il-konvenuti biex isir il-hlas ta' €146 kull xahar, hlas li kien dovut sal-1 ta' Awissu 2006. Ghalhekk l-attrici ma kellha l-ebda jedd li taghmel uzu minn kambjali li bdew jimmaturaw kwazi seba' xhur wara li hadet lura l-pussess tal-vettura, u li ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li kienu jirreferu ghall-obbligazzjoni tal-hlas li tissemma f'paragrafu 3(b) tal-kuntratt jew tal-prezz tal-vettura.

Mid-dokument a fol. 51 jidher li l-attrici ghad ghandha pretensjonijiet fir-rigward ta':

i. Prezz;
ii. Imghax;
iii. Spejjez legali;
iv. Citazzjonijiet ta' Transport Malta u licenzji b'lura;

Zgur li fir-rigward tal-prezz tal-vettura din hi ghal kollox infondata ghaliex m'hemmx bejgh. Ghar-rigward tal-items l-ohra, l-attrici m'ghandha l-ebda jedd taghmel uzu mill-kambjali oggetti tal-kawza biex tithallas fir-rigward tal-items li jissemmew f'paragrafi (ii), (iii) u (iv).

**<u>Konkluzjoni</u>** - il-kambjali oggett tal-kawza ma jistghux jintuzaw biex jithallas:

i. xi parti mill-prezz tal-vettura, gialadarba ma sehhx bejgh;
ii. ghal *hire* tal-vettura ghall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2005 u l-1 ta' Awissu 2006, gialadarba l-kambjali kollha mmaturaw wara t-2 ta' Awissu 2006 (id-data li l-attrici hadet lura l-pussess tal-vettura).
iii. imghax, spejjez legali u citazzjonijiet ta' Transport Malta u licenzji b'lura, in kwantu l-kambjali nhargu fir-rigward tal-hlas ta' Lm146 dovut kull xahar skont il-kuntratt tal-21 ta' Lulju 2005 (fol. 44).

Ghaldaqstant, fil-meritu l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 ta' Ottubru 2014, u tiddikjara li kellu kompetenza *ratione valoris*.**
2. **Fil-meritu tichad it-talba tas-socjeta attrici.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta attrici. Ghalkemm l-appellanti nghatat ragun fir-rigward tal-aggravju relatat mal-kompetenza, xorta ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha gialadarba qatt ma kellha jedd tipproponi l-*actio cambiaria*.**

Anthony Ellul.